# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 1588/00mm**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Buhagiar abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Anthony Buhagiar**

**vs**

**John Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fl-14 ta' Novembru 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' erba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm426.80c), in kwantu ghal tliet mija u tmienja u disghin lira Maltin u hames centezmi (Lm398.05c) jew

somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Anthony Buhagiar, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u in kwantu ghal tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75c) lill-attur Anthony Buhagiar, ammont rapprezentanti d-dannu lilu kagunat bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, li ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Lulju 1998 ghall-habta ta' 1.00p.m. gewwa Bella Vista Street, St Julians, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAB 793 proprjeta' ta' l-attur Anthony Buhagiar u misjuqa minn Owen Buhagiar, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni AAT 372, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tad-9 ta' Lulju 1999, u dawk ta' l-ittra gudizzjarja li ntbghatet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Royal International Holdings Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' Owen

Buhagiar, is-sewwieq awtorizzat mill-attur Anthony Buhagiar, u dan minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Owen Buhagiar.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara f'Bella Vista Street, San Gwann kantuniera ma' Triq in-Naspli bejn il-karozza HAB 793 misjuqa minn Owen Buhagiar u l-karozza AAT 372 misjuqa mill-konvenut.

Owen Buhagiar xehed illi huwa kien qieghed isuq fi Vjal in-Naspli, u meta wasal f'tarf it-triq, huwa waqaf biex jesplora l-karozzi fuq il-lemin tieghu li kienu gejjin minn nahha tan-Naxxar. Meta ra li ma kien gej hadd huwa beda hiereg u zamm lejn ix-xellug, peress li huwa ried imur lejn dik in-nahha fid-direzzjoni ta' *Sliema Road.* Waqt li kien qed jaghmel hekk, giet il-karozza l-ohra misjuqa mill-konvenut minn faccata biex ukoll tidhol fi Vjal in-Naspli u baqghet diehla fuqu. Il-konvenut ighid pero' li huwa ra l-karozza ta' Buhagiar tavvicina u nduna li kien ser ikun hemm incident, ghafas il-brake, izda ma setghax jevita d-daqqa. Il-hsarat fil-karozza ta' Owen Buhagiar kienu fuq quddiem il-

*mudguard* tal-lemin, waqt li l-karozza tal-konvenut kienu ukoll fuq quddiem fuq il-*mudguard* tal-lemin.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib x'ticcensura fis-sewqan tal-konvenut. Dana kien qieghed isuq fi triq principali u ried jitlaq din it-triq biex imur go triq sekondarja. Ma jidhirx illi ha l-prekawzjonijiet kollha biex ghamel hekk. Huwa jghid illi xeghel l-indicator. Dana wahdu mhuwiex bizzejjed. Ried jassigura illi dan il-messagg wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq. F'dan il-kaz, kien Owen Buhagiar li kien hiereg minn Vjal in-Naspli biex idur lejn ix-xellug, fliema kaz ma kienx ikollu d-diffikultajiet partikolari jekk ma kienux gejjin karozzi minn fuq il-lemin tieghu. La t-triq kienet libera minn dik in-nahha allura ma kienx mistenni illi Buhagiar kien ser jostakola lil xi hadd. Il-konvenut pero' kien ser jaqsam karreggjata biex imur f'ohra u dan il-qsim kien jimporta fih inniffsu certa perikolu, kemm ghall-vetturi li kienu gejjin minn warajh kif ukoll dawk minn faccata u cioe' l-vetturi li kienu hergin minn Vjal in-Naspli, minn fejn hareg Owen Buhagiar.

Skond l-isketch li hemm esibit f'dawn l-atti a fol 21 l-karozza tal-konvenut tidher fin-nofs tat-triq kwazi *wrong side,* mentri l-karozza ta' Owen Buhagiar tidher li ghadha fil-karreggjata taghha. Minnkejja illi Buhagiar u missieru l-propjetarju tal-karozza ma jaqblux mal-posizzjonijiet tal-vetturi, l-Qorti ma tikkunsidrax dan il-fatt bhala xi wiehed determinanti fl-ezitu tar-responsabbilta', dana l-ghaliex il-vettura ta' Buhagiar hija

nettament fil-karreggjata proprja taghha, mentri l-karozza misjuqa mill-konvenut hija kwazi *wrong side* u ghalhekk f'posizzjoni rregolari fejn zgur illi Buhagiar ma kienx mistenni li ser isib karozzi.

Ghal dawn il-motivi.

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi  illi tilqa' t-talba ta' l-atturi. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fit-3 ta' Lulju 1998 ghal habta tal-1.00p.m. gewwa Triq Bella Vista San Gwann, bejn il-vettura bin-numru HAB 793 proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn Owen Buhagiar, u l-vettura bin-numru AAT 372 misjuqa mill-konvenut, u dana minhabba traskuragni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' erba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm426.80c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg